# LUKARDA U L-GĦADD TAN-NIES TAL 1931

—Inti Lukarda Grima?

—Jien, biex inservik.

—Hawn il-karta taċ-ċensiment.

—Jien ma għandix bżonn ta' karti.

—Huwa m'hux kif trid. Inħallihielek biex timliha.

—X'nimla, papasek? Biex ġej dal-għodu?

—Jekk ma tafx tikteb nimlihielek jien. Atini fejn inpoġġi għax għandi xi mitejn karta oħra x'inqassam.

—Iva għidli sewwa xi trid? min bagħtek sid il-kera?

—U din ħaġa tal-Gvern—Iċ-ċensiment. Ara li kull ma nsaqsik twiġibni sewwa għax għal kull kelma b'oħra tista' teħel nofs lira. Mela għidli—Kemm il-kamra għandek fid-dar?

—Dan li tara l-wisa' kollu li għandi. Xi ħsibtha dari, il-palazz ta' Kannirju? U int, nagħmilha tal-belha, x'jippurtak x'wisa' għandi?

—Għax irrid inniżżlu f'dil-karta, u ttelliflix żmien. Int jismek Lukarda Grima hux?

—Stenna la għandi ngħid kollox kif inhu, jien loprament m'hux Lukarda jisimni, igħajtuli hekk, imma parrinti Luitgarda semmietni. Ħa' nurik il-fidi tal-Magħmudija, m'ilux li rfajtha... stenna...

—U ħallik mill-fidi, ma rridx nara xejn, u eħlisni għax imgħaġġel.

—Ara ħa, jekk ma temminx. Għax parrinti kienet sinjura kbira, taqra l-ġurnata kollha, lil ommi qaltilha "jekk lit-tarbija tagħtiha ismi nħallilek par imsielet tad-deheb u ċintill." U ħallithomli taf... Kemm int bla paċenzja, għedtlek is-sewwa għax ma rridx, kif għeddittni, neħel xi nofs lira.

—Dan kollu telf ta' żmien għalija—Lukarda sejjer nikteb.

—Ikteb li trid, ħsieb ruħek, jien wissejtek u l-pinna f'idejk.

—Kemm-il-sena għandek?

—Dan ukoll trid taf? għandi kemm għandi, m'hux affari tiegħek jew tal-Gvern, kemm ingħodd.

—Ser nikteb sittin, għad li żgur għandek iżjed—Ħalli nara l-fidi tal-magħmudija!

—Int ma għedtx li ma jimpurtakx mill-fidi? mela tara xejn—Għalaqt l-erbgħin, sa hawn ingħidlek—Ara li ma tniżżilx sittin għax tavvilini mal-ġirien u ttellifli ħobżi. Min iqabbadni naqdih jekk tgħidilhom li jien imdaħħla fiż-żmien?

—Fejn sejra b'rasek? Din ħaġa sigrieta, ħadd ma jkun jaf xi ktibt.

—Mela ikteb li ngħid jien... ara xi bniedem dan!

—Int ħalli f'idejja—Int il-kap tad-dâr hux? Xebba?

—Armla, jaħasra, u la raġel u la tfal; żewġi miet bil-korla erbgħin sena ilu, imma jien dejjem għext bl-unur.

—Mela waħdek qegħda?

—Waħdi kif tarani.

—Fejn twelidt?

—Dan ukoll trid? tridx taf x'kilt il-bieraħ ukoll?

—Eħlisni, tridx, u wieġeb għall-mistoqsijiet tiegħi.

—Twelidt Balzunetta, wara San Kalċidonju.

—Nazzjonalità Ngliża, hux?

—Ingliża? Missieri u ommi kienu Maltin minn Bormla. Wiċċ ta' ngliża għandi, mela għajnejk bis-suprissat dal-għodu? Stajt kont ingliża madankollu għax darba għarrsuni ma' kapural tas-*sappers* ta' ħada l-Kabuċċini, imma ż-żwieġ ma seħħx.

—Skola, nistħajjel ma tmurx.

—Ġiè li mort l-iskola għax parrinti riditni nitgħallem imma d-Duttrina biss għallmuni u mbagħad ħriġt.

—X'tagħmel?

—Li jiġi għal idejja.

—Din m'hix risposta—Ħassiela, ħajjata, modista?

—Ħajjata tal-għenienel kont u qlajt flus kemm ridt, imma l-lum min jilbes kappell ta' xelin ma jħejtx għonnella ta' żewġ liri. U għajnejja ma jatunix aktar. Il-lum għal xi qadja bqajt.

—Mela nikteb, "qaddejja".

—Aħjar. U għid li naqdi l-aħjar nies u jafdawni b'għajnejhom magħluqa, għax mara tar-ruħ. Tridx insemmilek in-nies li jdaħħluni f'darhom?

—Lè, Lè... fejn taħdem?

—La naqdi naħdem fejn jibagħtuni. Il-bieraħ mort il-Birgu u nżilt sal-Karkara, il-bieraħtlura wasalt sa Ħar-Qormi. Lili tgħidlix fejn naħdem. Niġri ma' Malta kollha, avvolja għajjartni xiħa.

—Tajjeb, ser nikteb li l-post fejn taħdem m'hux fiss.

—Ikteb li x-xjafek trid. Il-pinna m'hix f'idejk?

—Biex taf titħadded?

—M'hux bil-Malti kellimtek? Jew trid tgħid li għandi lsieni twil?

—Le irrid infisser ruħi; taf titħadded b'xi lsien ieħor barra mil-Malti. Bl-ingliż jew bit-taljan, ingħidu aħna?

—Xi kelma, ħażin, ħażin nitkellem. Din it-taljana ta' ma' ġenbi sikwit tpaċpaċ miegħi: "Lukarda kumpramu favetta

oggi?" "Kumpramu". "Lukarda kjama lu skaparu". "Kjusu sinjura" u sejrin dejjem. Bl-ingliż? anqas irrid niftakar. Malkapural kont sejra ħarir. "Mi plenti lav ju," "good najt Ġak," u ftehemna dejjem.

—Biż-żejjed. Taf tikteb?

—Hawn qbattni. Nikteb ma nafx.

—Ħa żomma l-karta, nhar it-Tnejn ingħaddi għaliha. Tħallix min jikteb ħadd fiha.

—Mita ħareġ, Lukarda baqgħet tħares lejh bil-gozz karti taħt aptu sa ma dar il-kantuniera. "Dal-ġuvni nafu," qalet bejna u bejn ruħha. "Kemm-il-darba rajtu nieżel lejn il-Barrakka l-qadima b'kelb tal-kaċċa marbut b'lazz aħmar tal-inkwatri, mur aħseb x'kien xogħlu! Idur bil-kelb u mita jixba' jistiħes mannies u jitkixxef xi jsir f'darhom. Qal li bagħtu l-Gvern u għalhekk nistħajjel li jħallsu. Din ġdida, nies imħallsin biex jistħarrġu l-poplu, għalhekk il-Gvern ma għandux flus! Il-lejla stess naqta' l-kurżità x'inhi dil-biċċa. Nistaqsi lil Ġużè talgroser li dejjem jaqra l-gazzetti; b'liema dritt jiġi bniedem fuqek u jrid jaf kemm-il-sena għandek u x'tagħmel. Forsi wara din il-Gvern joħroġli x-xahar. M'hux li kien! Xi ħaġa għandhom f'rashom dan-nies. Iġri nara lil Ġużê.

26/4/31 T. Z.